Kitba ta'
**Sunny Aquilina**

# Statwi u Niċeċ fit-Toroq ta' Bormla (6)

## *Monument u Aktar Statwi u Niċeċ tal-Madonna*

F'din is-sena ċentinarja se nkomplu nitkellmu fuq statwi u niċeċ tal-Madonna ġewwa Bormla, il-*Belt ta' l-Immakulata.* Fil-fatt f'artikli fis-snin l-imgħoddija diġà tkellimna fuq l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' quddiem il-knisja kolleġġjata ta' Bormla, statwa oħra tal-Kunċizzjoni li kien hemm Santa Liena, oħra tal-Kunċizzjoni fi Triq il-Kunċizzjoni u n-niċċa li kien hemm ta' l-Immakulata fi Pjazza Paolino Vassallo kantuniera ma' Sqaq il-Kunċizzjoni. Ktibna wkoll fuq in-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fi Triq San Pawl, il-Madonna ta' Trapani fil-faċċata tal-knisja ta' Santa Tereża u n-niċċa tal-kwadru tal-Kor ma' ġenb l-istess knisja. In-niċċa ta' Santa Marija f'Bieb Bormla, u l-Madonna bil-Bambin fid-daħla fil-blat taħt il-mina ta' Għajn Dwieli li fiha hemm ukoll statwa mdaqqsa tal-Madonna ta' Lourdes.

### Monument taċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni

Minn dan naraw kemm il-poplu Bormliż huwa marbut mal-Patruna Speċjali tiegħu Marija Immakulata u biex inkomplu nuru din id-devozzjoni se nsemmu aktar statwi u niċeċ tal-Madonna f'Bormla. Bix-xieraq f'din is-sena nibdew bil-monument li sar b'tifkira taċ-Ċentinarju mill-inkurunazzjoni bix-xbieha tal-Madonna Inkurunata indurata bid-deheb. Żejjen Pjazza Gavino Gulia u l-inawgurazzjoni tiegħu saret nhar il-Ħadd 19 ta' Ġunju, 2005 u n-nies attendiet bi ħġarha. Huwa xogħol tal-Marmista Ronald Pisani, skultura u funditura tal-Madonna u l-panewijiet ta' Joe Chetcuti, indurata minn John Pace, il-Perit kien Joseph Cassar, u dawl mid-Ditta *Nexos*. Il-Kunsill Lokali Bormla wkoll ta l-għajnuna tiegħu u kulħadd



***Il-Monument taċ-Ċentinarju mill-Inkurunazzjoni fi Pjazza Gavino Gulia.***





faħħar dan il-monument artistiku! Grazzi wkoll lill-benefatturi kollha.

## Statwi tad-Duluri fi Triq l-Oratorju u fiċ-Ċimiterju



*Statwa tad-Duluri ma' ġenb l-Oratorju.*

Ma' ġenb il-bieb ta' l-Oratorju hemm maħżen u fuqu naraw xbieha żgħira tad-Duluri. Statwa sabiħa tad-Duluri tinsab mal-ġenb ta' l-Oratorju, eżatt taħt il-kampnar. Din hija statwa antika. Mil-lapida li tfakkar l-indulġenzi mogħtija mill-Isqof Bartolomeo Rull fl-1759, li hemm mal-pedestall għoli naqraw li 40 jum ta' indulġenzi jingħataw lil min jgħid *Ave Maria* quddiem din ix-xbieha ta' Sidtna Marija Addolorata. L-istatwa tad-Duluri li naraw illum qabel kienet fiċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ li hemm fi sqaq 'il fuq mill-knisja ta' San Pawl. Tpoġġiet f'postha fl-1897 flok l-oħra li kienet saret fl-1759 mill-Iskultur Gaetano Fabri u swiet 46 skud u 9 tarin. Dan il-bdil sar b'deċiżjoni tal-Fratellanza tal-Kurċifiss. L-istatwa għandha s-sejf jinfdilha qalbha u kuruna tax-xewk f'idha l-leminija. Qiegħda fuq pedestall għoli u eleganti li fih simboli tal-passjoni bħall-kuruna tax-xewk, il-lanza u l-isponża. Fuq kartella bis-simbolu tal-qalb ta' Marija minfuda bis-sejf naqraw dawn il-kelmiet *Attendite universi populi, et videte dolorem meum. Hier: Cap. 1* – Ħarsu lejja ġnus kollha u araw in-niket tiegħi. L-istatwa ta' Gaetano Fabri, li kien hemm qabel, tpoġġiet flok l-oħra fiċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ li diġà semmejna. Sfortunatament dan iċ-ċimiterju, li kien inbena għall-pesta ta' l-1676, jinsab magħluq u ma tistax tara sewwa din l-istatwa antika li hija sabiħa wkoll. Fabri kien skultur tajjeb u tiegħu għandna xogħol fl-Oratorju.

## Niċċa tad-Duluri fi Triq Santa Liena

Ta' min isemmi wkoll li hemm niċċa ta' Marija Addolorata, bi kwadru bix-xbieha tad-Duluri mlibbsa bid-drapp, li tinsab fi Triq Santa Liena mal-ħajt ftit 'il fuq mill-mina ta' Santa Liena int u tiela' lejn in-naħa ta' Verdala. Naraw ukoll santa kbira tad-Duluri fin-niċċa ta' l-*aluminium* li hemm fi Triq San Mikiel, imma din hija niċċa tal-Kunċizzjoni.

Niċeċ tal-Kunċizzjoni fi Triq San Mikiel, id-Dejqa, il-Pellegrinaġġ, u Statwa tal-Kunċizzjoni f'*Hubbard Flats*.

Din in-niċċa moderna fi Triq San Mikiel tinsab bejn il-postijiet nru. 29 u 30. Fiha naraw stampa mdaqqsa kopja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Murillo, pittur famuż Spanjol. Kif għidna hemm ukoll santa tad-Duluri u ħafna santi ta' nies li mietu. Hija devota man-nies tal-post hekk li jkun hemm xemgħat u vażuni bil-fjuri quddiem dawn ix-xbiehat.

F'wesgħa li tidħol għaliha mill-mina ewlenija ta' *Hubbard Flats*, madwar għaxar snin ilu saret niċċa kbira u moderna bi statwa tal-Kunċizzjoni f'post ċentrali. Dan sar meta r-residenti ħadu inizjattiva li jirranġaw l-inħawi li ġew ferm isbaħ milli kienu. L-istatwa tal-Kunċizzjoni li nsibu f'din in-niċċa hija ta' daqs naturali u saret u nżebgħet mill-aħwa





Mario u Gino Vassallo. Hija statwa sabiħa u fin-niċċa hemm ukoll pavaljun ikħal. Hija niċċa u statwa miżmumin tajjeb.

Fi Triq il-Pellegrinaġġ qabel taqbad Triq San Mark insibu niċċa żgħira li fiha hemm santa tal-kwadru tal-Madonna tal-Kor. Taħtha hemm lapida żgħira ta' l-irħam f'għamla triangolari li fiha naqraw li l-Isqof Mons. Carmelo Scicluna kien ta indulġenzi lil min jgħid *Salve Regina* b'devozzjoni quddiem din ix-xbieha ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Din in-niċċa jeħtieġ li tkun restawrata u l-istampa tinbidel għax mitfija.

Fi Triq id-Dejqa, bejn il-postijiet nru. 6 u 7, insibu niċċa ħelwa ta' l-injam. Hija wkoll niċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li fiha statwa ħelwa f'abside li n-naħa ta' fuq tispiċċa f'għamla ta' arzella. Għandha pizz li fih impinġija l-emblema tal-Madonna bit-tnax-il kewkba u mensola tal-ġebel li fiha d-dawl elettriku, minbarra fjuri fin-niċċa. Din kien jieħu ħsiebha Rafel il-Kurdar meta kien joqgħod hemm, illum baqa' ibnu Ġorġ jieħu ħsieb. Ma' ġenb in-niċċa naraw erba' pilastri li jkomplu jżejnu din in-niċċa li hija miżmuma tajjeb.

## Niċeċ tal-Madonna u Sant'Anna fi Triq Xandru

Fit-triq bl-isem storiku ta' Xandru għal Sir Alexander Ball, li mexxa Malta wara t-tluq tal-Franċiżi, insibu żewġ niċeċ tal-Madonna u oħra tal-Madonna ma' ommha Sant'Anna. L-ewwel waħda jekk nimxu 'l ġewwa min-naħa ta' l-Iskola Primarja hija niċċa żgħira li għadha kif saret fil-kantuniera ma' Triq Nelson. Fiha naraw statwa żgħira ta' Sant'Anna qiegħda żżomm id il-Madonna li għandha ktieb f'idejha.



*Il-Madonna bil-Bambin. Niċċa antika fi Triq Xandru.*

In-naħa l-oħra f'tarf it-triq hemm niċċa tal-ġebel li tidher antika u fiha statwa mdaqqsa tal-Madonna, bil-kuruna fuq rasha u l-Bambin f'idha l-leminija. F'idha l-oħra għandha qisha ħobża żgħira, għandu mnejn biex turi l-providenza jew il-karità. Taħt riġlejn il-Madonna hemm qamar kbir u fuq pedestall sempliċi naraw wiċċ ta' anġlu bil-ġwienaħ. Kemm l-istatwa, li mhix komuni, u anke l-faċċata fejn tinsab għandhom bżonn ta' restawr immedjat għax inkella żgur li din in-niċċa tintilef u tkun ħasra kbira.

F'nofs Triq Xandru bejn dawn iż-żewġ niċeċ li semmejna hemm niċċa oħra ta' l-injam bil-pizz fuqha, li fiha statwa tal-Madonna tar-Raġġi. Ma' ġenbha nsibu żewġ fanali u d-dawl elettriku. Taħtha hemm biċċa żgħira ħafna tal-qalb ta' Ġesù, żewġ daħliet fil-ħajt għax-xemgħat u mensola fejn jistgħu jitpoġġew il-vażetti tal-fjuri jew mixgħela.

## Xbiehat tal-Madonna tal-Midalja jew tar-Raġġi

Minbarra x-xbieha tal-Madonna tar-Raġġi fi Triq Xandru, insibu oħra mdaqqsa fi Triq Luigi Rosato qabel taqbad Triq San Mikiel. Hija statwa miżbugħa bajda fuq sfond ikħal u tinsab fuq xkaffa f'kantuniera. Ikollha fjuri u xemgħat quddiemha u ma' ġenbha hemm

żewġ fanali tad-dawl. Statwa oħra tal-Madonna tar-Raġġi jew tal-Midalja, narawha kif tidħol f'dawk li kienu *barracks* ta' Verdala. Hija mdaqqsa, miżbugħa b'libsa bajda u bil-mant ikħal, u tinsab quddiem il-post għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Fuq il-bejt ta' l-Azzjoni Kattolika ta' l-irġiel fi Triq l-Oratorju u fuq il-bejt tad-dar nru. 14, Triq il-Polvrista hemm ukoll xbieha oħra tal-Madonna tar-Raġġi. Dari kien hemm statwa tal-Madonna fuq bejt fi Triq l-Oratorju li llum m'għadhiex hemm.

## Statwi u Niċeċ li M'Għadhomx

F'dawn l-inħawi kien hemm żewġ statwi u niċċa li m'għadhomx f'posthom. Fi Triq il-Mitħna kien hemm niċċa tal-Madonna, skond in-nies tal-post, tal-Kunċizzjoni u li kienet ta' sid id-dar qrib. Kienet ma' ġenb id-dar nru. 31 u kienet ta' l-injam. Fi Triq l-Oratorju, fuq nett, ma' l-aħħar dar kantuniera ma' Triq Santa Margerita kien hemm statwa mdaqqsa tal-Madonna li kienet tixbaħ il-vara titulari tal-Kunċizzjoni li kellna qabel l-1905, qabel ma saret tal-fidda. Ħafna jiftakruha sewwa u kienet fuq dinja bis-simboli ta' l-erba' Evanġelisti. Tneħħiet snin ilu x'aktarx minn min ħa dik id-dar. Min neħħieha ċaħħadna minn parti minn wirt beltna! Tista' ssir oħra flokha.

## Il-Madonna tal-Karmnu fit-Triq tal-Baqar u Triq Nelson

Sal-bidu tas-snin ħamsin kienet għadha f'postha statwa kbira tal-Madonna tal-Karmnu, fuq pedestall għoli fit-Triq tal-Baqar (Triq il-Gendus), għalkemm kienet nofsha mfarrka bil-bombi tal-gwerra. Kienet xogħol ta' Mastru Ċens Sammut (1810-1880), li l-Iskultur Rabti ħadem fl-1854, is-sena li fiha saret id-Domma ta' l-Immakulata. Din l-istatwa kienet f'nofs il-pjazza li ġejja għan-niżla preċiż quddiem l-Ispiżerija *Verdala*. Meta kont għadni tifel niftakarha, u għalkemm imkissra, fil-festa tal-Karmnu kienu xorta jpoġġu xemgħat u fjuri quddiemha. Tneħħiet fis-snin ħamsin, l-aħħar li niftakarha kien ħdejn il-Bieb *Notre Dame* jew *Bieb is-Sultan* li minn Ħaż-Żabbar jagħti għal Bormla. Setgħet ġiet irranġata jew saret oħra imma ntilfet m'oħrajn darba għal dejjem. Illum baqa' tifkira tagħha f'xi ritratt rari.



*Niċċa bi statwa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Nelson.*

Imma għad għandna statwa mdaqqsa tal-Madonna tal-Karmnu fi Triq Nelson, triq imsemmija għall-famuż Ammirall Ingliż Orazju Nelson li jingħad li meta ġie Malta l-bastiment tiegħu rabat qrib din it-triq. Hija statwa sabiħa u movimentata li turi l-Madonna tal-Karmnu bil-Bambin f'idha u bil-labtu tal-Karmnu. Qiegħda fuq saljatura f'niċċa, f'tarf l-ewwel indani ta' taraġ fuq nett qabel iddur. Hija miżbugħa bajda fuq sfond ikħal u miżmuma tajjeb. Din in-niċċa għandha wkoll karatteristika ta' dari billi quddiem l-istatwa hemm lampier li jista' jittella' u jitniżżel bil-ħabel. Taħt din l-istatwa hemm kitba li tfakkar li Mons. Buhagiar ta 40 jum indulġenzi għal min jgħid *Ave Maria* quddiem din ix-xbieha tal-Madonna tal-Karmnu. Ta' min





isemmi d-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu li fil-knisja ta' Santa Tereża, barra li hemm statwa sabiħa tagħha, issirilha l-festa tagħha f'Lulju.

## Qalb ta' Ġesù u Qalb ta' Marija fi Triq Matty Grima

F'nofs Triq Matty Grima, qabel bl-isem ta' *Strada Buongiorno* li hija mtarrġa nsibu niċċa taħt arkata li kienet inbidlet ix-xbieha ta' ġewwa fiha. Qabel kien hemm santa sabiħa tat-Trinità Qaddisa tinkuruna lill-Madonna u issa hemm inkwadru bix-xbiehat tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija. Taħt in-niċċa nsibu lapida li tfakkar 40 jum indulġenza mogħtija mill-Isqof Gaetano Pace Forno fil-11 ta' Mejju, 1860, għad-devoti li jgħidu *Ave Maria*.

## Il-Madonna ta' Lourdes

Statwi tal-Madonna ta' Lourdes insibu tlieta f'Bormla. Diġà semmejna waħda li tinsab fil-fetħa mħaffra fil-blat taħt il-mina ta' Għajn Dwieli f'artiklu tas-sena l-oħra. Barra din insibu grotta bil-ġebel tal-gagazza bl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes u Bernardette fi pjazza li hemm ġewwa Verdala. Din inġabret min-nies tal-post li jieħdu ħsiebha. Ma' ġenb il-grotta hemm il-bandiera Maltija u tal-Papa.

F'għar differenti fi Triq Hanover ftit 'il fuq mill-knisja parrokkjali, hemm ukoll xbiehat tal-Madonna ta' Lourdes u Bernardette. Din il-grotta, b'arkata kienet saret bit-tħabrik ta' Melda u żewġha Rosario Spiteri, li għamel ukoll ix-xogħol meħtieġ, kif ukoll bir-rieda tal-Kan. Dun Ġużepp Bonello. Saret fl-1991 u fiha rħamiet bil-kliem, *Jien il-Kunċizzjoni Immakulata*, bl-ismijiet ta' dawk li ħadu ħsieb biex saret, li diġà semmejniehom u bid-dati tad-dehriet tal-Madonna f'Lourdes. Hemm ukoll kwadru b'din it-talba, *Tkun imfaħħra, imbierka, meqjuma, glorjuża l-Qalb Imqaddsa Divina ta' Ġesù u ta' Marija Verġni bla Tebgħa, mid-dinja kollha issa u dejjem.* Fl-għar insibu mdendlin żewġ lampieri, xemgħat, qsari u fjuri. L-istatwi nżebgħu minn Louis Vassallo qabel ma tpoġġew f'dan l-għar li qabel kien bir. Dawn iż-żewġ xbiehat tal-Madonna ta' Lourdes huma miżmuma tajjeb, l-aktar dik ta' ħdejn il-knisja li għadu jieħu ħsiebha Rosario Spiteri.

Barra minn dawn insibu bosta niċeċ żgħar oħra u xbiehat mal-bibien, ornamenti bin-*nome di Maria* skolpiti fuq bibien u fil-ħadid tal-gallariji, kif ukoll ismijiet tad-djar għal Sidtna Marija, bħal, *Marija Immakulata*, *Omm Alla*, *Omm Beltna*, *8 ta' Diċembru*, u oħrajn li jkomplu jagħtu xiehda tad-devozzjoni li l-Bormliżi dejjem kellhom u għad għandhom lejn Ommna Marija, kif urejna fiċ-ċelebrazzjonijiet matul din is-sena taċ-ċentinarju mill-Inkurunazzjoni!



***Il-Madonna ta' Lourdes fi Triq Hanover, qrib il-knisja parrokkjali.***